MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 124/1996/1

**CITAZZJONI NUMRU 124/1996**

**Is-socjeta'  Joseph Vella (Ginger) Limited**

**-vs-**

**Judas Thaddeus sive Teddy Rapa,  Frank Rapa, is-socjeta' Rapa Brothers Company Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh ta' materjal ta' bini li precedentement kien jigi gestit minn Joseph Vella.

Illi l-konvenuti f'diversi okkazjonijiet akkwistaw sew minghand Joseph Vella u kif ukoll direttament minghand is-socjeta' attrici materjal tal-bini senjatament cement u

ghalih ghadha dovuta s-somma ta’ tlieta u tletin elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm33,672.23) u dan oltre l-imghaxijiet li akkumulaw skond il-Ligi kif jigi dettaljatament ippruvat.

Illi dawn l-oggetti gew akkwistati fl-interess u a beneficcju tas-socjeta’ konvenuta Rapa Brothers Company Limited.

Illi minkejja diversi promessi ta’ hlas il-konvenuti naqsu li jhaslu dan id-debitu.

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza fit-termini tal-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Previa d-dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri fil-konfront tas-socjeta’ attrici fis-somma fuq imsemmija, tikkundannahom sabiex ihalsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u tletin elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm33,672.23) dovuti kif fuq spjegat.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihalsu ukoll l-imghaxijiet kollha mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita ta’ Frar 1996 u f’April 1996 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezenat konteswalment ma’ din il-kawza.

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata tas-socjeta' attrici flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti konsistenti fl-affidavit ta' rapprezentant taghha..

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jude Thaddeus sive Teddy Rapa kemm f'ismu proprju u in kwantu huwa direttur u jista' jirrapprezenta lill-kumpanija Rapa Brothers Company Limited fejn eccepixxa:

1. in kwantu gie mharrek hu personalment, m'ghandu l-ebda interess f'din il-kawza, peress li mhux il-legittimu kuntradittur ta' l-atturi u dan stante li n-negozju qatt ma sar mieghu personalment.

2. Illi in kwantu giet citata l-kumpanija Rapa Brothers Co. Ltd., l-ammont riklamat jew ammont sostanzjali minnu mhux dovut mill-kumpanija konvenuta peress illi l-ordnijiet kienu qed isiru mill-konvenut l-iehor FrankRapa minghajr kunsens mid-direttur l-iehor, l-eccipjenti, u ghalhekk minghajr l-inkarigu. Ghalhekk, ghandu jirrispondi hu personalment.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Rapa fejn eccepixxa:

1. illi fil-konfront tieghu t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-esponenti m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici ghaliex huwa qatt ma akkwista xi oggetti minghand is-socjeta' attrici fl-interess u beneficcju tieghu personali, u dan kif jirrizulta sia mill-premessi kif ukoll mid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi stess.
2. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici fil-konfront ta' l-espoennti.
3. Salvi eccezzjonijeit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni gurametnata tieghu flimien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Rapa Brothers Company Limited fejn eccepixxa:

1. illi in linea preliminari s-socjeta' attrici naqset illi tipproduci d-dokumenti necessarji sabiex issostni t-talbiet taghha u jehtieg qabel xejn illi jigu esebiti dawn id-dokumenti.

2. Illi fit-tieni lok, l-ammont ma hux dovut mis-socjeta' konvenuta interament stante illi uhud mix-xoghlijiet u materjali suppliti jew ahjar allegatament suppliti mill-kumpanija attrici ma ntuzawx ghall-beneficcju tal-kumpanija konvenuta u lanqas ma gew ordnati mill-istess kumpanija;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija konvenuta lesta illi thallas dak l-ammont illi realment jirrizulta illi huwa dovut minnha, u l-unici raguni l-ghala dan ma sarx kien illi l-konvenut Judas Thaddeus sive Teddy Rapa naqas illi jipproduci d-dokumenti necessarji sabiex ikun jista' jsir dan il-pagament, liema dokumenti huma fil-pussess tieghu, u baqa' jirrifjuta sal-lum illi jiffirma c-cheques necessarji ghal dan l-iskop; u dan kollu minkejja illi gie ripetutament interpellat mid-Direttur l-iehor Frank Rapa ghal dan l-iskop;

4. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandha tbati ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza;

5. Illi finalment l-esponenti titlob il-kjamata fil-kawza tal-kumpanija "Rapa Showrooms Company Limited" stante illi din il-kumpanija ghandha thallas ill-kumpanija eccipjenti ammont ingenti illi ghandu jmur sabiex almenu jissodisfa l-allegat kreditu tal-kumpanija attrici.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal taghha diversament preseduta tal-5 ta' Dicembru 1996 fejn din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Raphael Aloisio assistit mill-Avukat Aaron Attard Hili qua perit komputista u legali rispettivament.

Rat ir-relazzjoni a folio 68 et seq ipprezentata u mahlufa seduta stante minn Raphael Aloisio fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2002.

Semghet ix-xhieda;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-kanonizazzjoni ta' kreditu vantat mis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti import allegat ta' ciment u materjal supplit.

Illi l-azzjoni  tinsab esperita kontra s-socjeta' Rapa Brothers Limited u kontra z-zewg diretturi, ukoll azzjonisti taghha, l-imsemmija Teddy u Frank ahwa Rapa, fil-kapacita' personali taghha.

Illi pero' mill-provi ghandu jkun wisq car li kull kreditu vantat u talvolta dovut lis-socjeta' attrici jreggi biss kontra s-socjeta' konvenuta u mhux ukoll kontra l-konvenuti l-ohra.  Dan hu nnegabilment hekk mhux biss mill-premessi tac-citazzjoni u relattiva dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici izda hu nkonfutabbilment sorrett mill-provi.  Dawn l-istess provi li ukoll jaghtu indikazzjonijiet cari li kull kreditu rizultanti dovut ma giex saldat konsegwenza ta' divergenzi bejn l-istess zewg konvenuti.

Issa prescindendo minn dan hu indubbitat li sakemm din tikkostitwixxi r-raguni ghan-nuqqas li jigi saldat il-kreditu pretiz ma jfisser xejn ghas-socjeta' attrici.  Ghaliha kull kwistjoni bejn iz-zewg konvenuti hija *res inter alios acta*

anke ghaliex ma ngabet ebda prova li l-konvenuti de propio kkontrattaw wahedhom ghan-nom tal-kumpanija.

Illi ghalhekk hi biss l-eccezzjoni tal-verifika tas-somma pretiza mis-socjeta' attrici li ghandha valur u jisthoqqilha tigi vestita ghall-fini ta' l-ezitu tal-kawza. Hawnhekk, u fil-kuntest ta' din il-verifika, hemm tlett ipotesijiet li jissottoponu ruhhom biex jigu kkunsidrati. Dawn huma:

i. il-konkluzjoni raggunta mill-espert komputista nominat mill-Qorti;

ii. r-replika u konsegwenti osservazzjonijiet maghmula minn komputista nkarigat ex parte mis-socjeta' konvenuta;

iii. id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti.

Illi trattata l-ewwel mit-tlett ipotesijiet jirrizulta li l-perit komputista kkonkluda li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta hu dak minnha reklamat fic-citazzjoni. Ibbaza tali konkluzjoni wara rikonciljazzjoni tal-kotba tan-negozju relattivi kemm tas-socjeta' attrici u kemm tas-socjeta' konvenuta u naqqas dawk l-ammonti li ma kienux jirrizultaw fil-kotba tan-negozju ta' entrambi s-socjetajiet - vide relazzjoni fol 68 et seq.

Illi fit-tieni mit-tlett ipotesijiet is-socjeta' konvenuta sostniet li mill-ammont konfermat mill-komputista nominat u rifless fit-talba tas-socjeta' attrici kellha titnaqqas is-somma ta' ghaxart elef sitt mija tmienja u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm10,668.15) u dan kif spjegat fid-dok markat RFA1 - folio 181.

Illi trattata t-tielet ipotesi konsistenti f'dawk id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti f'aktar minn kopja wahda u komprendenti resokonti ta' fatturat jirrizulta li l-ammont dovut hu dak riferit fic-citazzjoni kif indikat f'addizzjoni tal-folio 55 u 86.

Illi izda l-Qorti wkoll ghamlet l-apprezzament taghha tad-dokumenti esebiti in atti fid-dawl ta' dak sottomess mis-

socjeta’ konvenuta, trattata fit-tieni ipotesi u riportat fid-dok RFA (folio 181).  Sabiex tezamina l-fondatezza tas-sottomissjonijiet migjuba a konjizzjoni taghha, cioe’ li l-ammont kellu jitnaqqas b’Lm10,668.15. Mill-apprezzament li ghamlet irrizultalha li s-socjeta’ konvenuta ghandha ragun fl-ilment notat fil-partiti markati (b) u (d) fejn jirrizulta li verament kien hemm “casting errors” konsistenti fl-ammonti ta’ disgha u erbghin lira Maltin (Lm49),  erba’ mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm438) u erba’ mija u disgha u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm439.15), b’total ta’ disa’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm926.50), li ghalhekk ghandhom jigu mnaqqsa.  Mill-kumplament pero’ ma jidhirx li hemm xi fondatezza f’dak sottomess konsidrat kemm li l-perit komputista minnha nominat sab li l-istess fatturat, anzi f’ammont marginalment ghola, kien irrizulta wkoll mill-kotba tas-socjeta’ konvenuta u li ghal dak li jikkoncerna allegat fatturat doppju r-referenza fir-resokonti jirrigwarda fatturi b’dati differenti.

Dana kollu premess, ghalhekk, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici b’dan li:

- ghall-finijiet tat-tieni talba qeghdha tiddikjara li hi s-socjeta’ Rapa Brothers Limited  hi debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ tnejn u tletin elf seba’ mija hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm32,745.73) import ta’ materjal tal-bini senjatament ciment supplit;

- ghall-finijiet tat-tielet talba tikkundanna lill-imsemmija socjeta’ Rapa Brothers Limited li thallas dan l-ammont lis-socjeta’ attrici bl-imghax mis-7 ta’ Mejju 1996 sal-effettiv pagament.

In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza s-socjeta’ attrici ghandha tbati dawk fil-konfront tal-konvenuti imharkin de proprio waqt li l-ispejjez l-ohra kollha huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta “Rapa Brothers Limited”.

(ft.)  A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------